**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-lum, il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2019**

**Appell numru: 39/18**
**Wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bil-Avviz numru: 39/18SG datata 7 ta' Marzu, 2019**

**The Wholesaler–B.E.L. Group Ltd (C 54702) hawn rapprezentata minn Mario Bugeja (K.I. 223292M)**

**vs.**

**Majoeddin AYAD u Stefania AYAD**

**Il-Qorti;**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Sede Inferjuri datata 7 ta' Marzu, 2019 fejn gie deciz kif isegwi:

> "Ghaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' rikorrenti."

Din id-decizjoni nghatat wara li l-appellanti The Wholesaler-B.E.L. Group Ltd (C 54702) kif debitament rapprezentata minn Mario Bugeja, ressqet talba kontra l-intimati appellati Majoeddin Ayad u Stefania Ayad quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). L-appellanti The Wholesaler-

B.E.L. Group Ltd (C 54702) kif debitament rapprezentata allegat li l-appellati b'mod partikolari Majoeddin Ayad kien ipprezenta ruhu bhala klijent fil-hanut taghhom u minn hemm kien xtara merkanzija u/jew materjal relatati mad-dawl u mal-ilma, liema merkanzija u/jew materjal telghu ghas-somma globali ta' erbatax-il elf, disa' mija u dsatax il-ewro (€14,919), li l-appellati baqghu qatt ma hallsu.

Jirrizulta mill-atti li ghalkemm l-appellati gew debitament notifikati bit-talba u bl-avviz huma baqghu ma prezentaw l-ebda risposta u dana malgrad li t-terminu ghall-prezentata tal-istess risposta gie estiz b'gimghatejn fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Mejju, 2018, b'xahar zmien iehor fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Gunju, 2018, u b'xahar zmien iehor fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Novembru, 2018. Di piu' Majoeddin Ayad kien prezenti u assistit waqt is-seduta ta' nhar id-9 ta' Mejju, 2018 filwaqt li Stefania Ayad kienet rapprezentata minn avukat tal-ghazla taghha.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha cahdet it-talba tal-appellanti The Wholesaler-B.E.L. Group Ltd (C 54702) bir-raguni moghtija kienet li ma hassithiex konvinta li l-provi esebiti u cioe' l-*updated statement of account* u s-*sales invoices* kienu jirreferu u dovuti mill-intimati Majoeddin Ayad u Stefania Ayad personalment.

2. Rat illi fir-rikors tal-appell, l-appellanti The Wholesaler-B.E.L. Group Ltd (C 54702) kif debitament rapprezentata minn Mario Bugeja qajmet aggravju wiehed maqsum f'erba' (4) ilmenti. Dan l-aggravju prattikament jinvolvi l-apprezzament hazin tal-fatti. Dan l-aggravju jaqra kif isegwi:

''**A** Illi r-rikorrenti ppruvaw il-kaz fl-intier tieghu meta Mario Bugeja xehed bil-gurament fl-4 ta' Dicembru 2018 u ikkonferma li jaf lill-intimat li

> *pprezenta ruhu bhala kljient normali fil-hanut taghna u ovvjament beda jixtri materjal fejn huwa kollox iddikjarat xi xtara.*

Illi Mario Bugeja kompla jghid li

> *dan huwa kollhu materjal li nxtara minn Ghana mis-sur Ayad, erbatax-il elf disgha mija u dsatax-il ewro.*

Illi ghalhekk fix-xhieda tieghu Mario Bugeja specifika li l-intimat kien gie u ordna x-xoghol. Dan ma hu kontradett fl-ebda hin u mument.

**B** Illi d-dokument maghruf bhala Statement of Account jirreferi ghal AYAD – dan zgur ma jeskludix li huwa l-intimat/i Majoeddin Ayad u Stefania AYAD. Illi din hija prova li tilhaq dak rikjest mil-ligi ghall-finijiet ta' oneru ta' prova.

**C** Illi l-Ewwel Qorti stqarret li fuq is-sales invoices hemm firma izda *ma hemmx indikat min huwa l-firmatarju*. Illi bl-aktar rispett, Mario Bugeja xehed li l-intimat *pprezenta ruhu bhala klijent normali fil-hanut u kollox iddikjarat xi xtara*. Dan qatt ma gie kontradett.

**D** Illi fuq kollox, l-Ewwel Qorti ma tatx kaz lill-aktar prova mportanti li tezisti li turi li l-intimat kien fil-fatt il-persuna li xtara, ossia n-numru tal-

VAT li jidher fuq kull fattura u li hija prova cara kristallina li l-persuna ta' Majoeddin AYAD kienet il-persuna li xtrat izda ma hallsitx ghall-materjal supplit. Illi verifika zghira turi dan b'mod car kristallin minghajr ebda dubju kif fil-fatt jidher mis-sit."

Illi ghalhekk l-appellanti qed titlob li din il-Qorti:

"…tilqa' l-appell taghha nterpost u tirrevoka u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija fis-7 ta' Marzu 2019 billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' appellanti u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti."

3. Rat illi l-appellati Majoeddin Ayad u Stefania Ayad ghalkemm debitament notifikati nhar it-22 ta' April, 2019 naqsu li jipprezentaw r-risposta taghhom ghall-appell kif ukoll naqsu milli jidhru quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019.

4. Semghet it-trattazzjoni tal-appell da parti tas-socjeta' appellanti fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

5. Illi din il-kawza titratta dwar negozju fejn l-appellati konjugi Ayad jew min minnhom f'diversi drabi xtraw ammont konsiderevoli ta' merkanzija u/jew materjal relatati mad-dawl u mal-ilma mill-hanut tas-socjeta'

appellanti u dan hekk kif indikat fl-*updated statement of account* a fol. 26 u fol. 27 u mis-*sales invoices* a fol. 28 sa fol. 74 tal-process. L-appellati baqghu qatt ma hallsu din il-merkanzija u materjal u kien ghalhekk li l-appellanti The Wholesaler-B.E.L. Group Ltd (C 54702) kif debitament rapprezentata minn Mario Bugeja istitwiet kawza sabiex tithallas l-ammont ta' erbatax-il elf disa' mija u dsatax il-ewro (€14,919).

Illi ghalkemm quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti xehed bil-gurament ir-rapprezentant tal-kumpanija Mario Bugeja u prezenta bosta dokumentazzjoni bhala prova tad-debitu, il-Qorti fid-decizjoni taghha abbazi li nnutat li l-*updated statement of account* kienu ntestati fuq AYAD mentri s-*sales invoices* kienu intestati fuq AYAD Ltd stqarret fid-decizjoni taghha li ma hassithiex konvinta li d-debituri kienu realment Majoeddin Ayad u Stefania Ayad u cahdet it-talba tas-socjeta' rikorrenti. Kien ghalhekk li gie nterpost l-appell odjern mis-socjeta' appellanti.

**Ikkunsidrat:**

6. Illi l-aggravju tas-socjeta' appellanti jitratta principalment in-nuqqas ta' qbil tas-socjeta' appellanti mad-decizjoni tal-Qorti li l-provi ma jwasslux ghall-konvinciment li l-ammont mitlub huwa dovut mill-intimati. F'dan l-aggravju, l-appellanti The Wholesaler-B.E.L. Group Ltd (C 54702) telenka erba' ilmenti li abbazi taghhom tissottometti li l-Qorti fl-ewwel istanza kellha tasal ghal decizjoni ta' kundanna ghall-hlas. Dawn l-ilmenti fil-qosor huwa s-segwenti:

i. Id-deposizzjoni mhux kontradetta ta' Mario Bugeja li kkonferma li kien l-appellat Majoeddin Ayad li kien jipprezenta ruhu bhala klijent u li kien akkwista l-imsemmija merkanzija u/jew materjal li baqa' ma hallasx;

ii. Illi l-istatement of account jirreferi ghall-kunjom Ayad. Din hija l-prova rikjesta mil-ligi ghall-finijiet ta' oneru ta' prova u hija cara ghal min qieghed jirreferi;

iii. Illi fuq is-*sales invoices* hemm firma li skont l-ewwel Qorti m'hemmx min hu l-firmatarju. Madanakollu Mario Bugeja kkonferma li Majoeddin Ayad kien il-klijent u dan ma giex kontradett;

iv. In-numru tal-VAT – MT 18049633 li huwa prova kristallina u li kien registrat fuq il-persuna tal-appellat Majoeddin Ayad.

Ghandu jinghad li flimkien mal-appell odjern, is-socjeta' appellanti pprezentat 'screenshot' minn fejn jirrizulta fuq min huwa registrat l-imsemmi numru tal-VAT liema 'screen-shot' ma kienx gie esebit fi stadju ta' prim'istanza.

7. Illi din l-Qorti hija konxja li huwa pacifiku li Qorti tal-Appell ma tindahalx, in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghall-motiv iehor gravi.[1] Madanakollu dan ma jfissirx li l-ezercizzju ta' dan il-poter

[1] Elena Magri et -vs- Rosaria sive Rose Borg deciza fl-10 ta' Frar, 1961 mill-Qorti tal-Appell.

diskrezzjonali huwa hekk assolut li ma jattirax lejh is-sindakabilita' ta' din il-Qorti meta jinstab li jezistu cirkostanzi li jiggustifikaw dan u jkun stabbilit li l-koncezzjoni tal-fatti jew tal-punt tad-dritt huma errati.[2]

**L-ewwel ilment:**

8. Riferibilment ghall-ewwel ilment, jirrizulta li ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha taghmel referenza ghall-fatt li Mario Bugeja rapprezentant ta' The Wholesaler-B.E.L. Group Ltd (C 54702) ikkonferma bil-gurament tieghu li huwa jaf lill-appellat Majoeddin Ayad peress li kien hu li pprezenta ruhu bhala klijent. Madanakollu jirrizulta li meta l-Qorti giet biex taghti d-decizjoni taghha dan il-punt gie kompletament skartat u llimitat id-decizjoni taghha biss fuq evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni. Din il-Qorti, f'ambitu ta' Qorti fejn il-grad tal-prova huwa dak tal-probabbli, tqis li d-deposizzjoni ta' Mario Bugeja moghtija bil-gurament kellha tinghata piz ta' prova wkoll anki bhala korroborazzjoni tad-dokumenti esebiti. Dan anki ghaliex l-appellati fl-ebda mument ma kkontestaw din id-deposizzjoni nonostante li ghal xi seduti kienu wkoll prezenti u nghataw ampja opportunita' li jipprezentaw risposta, ghal darba dartbejn izda naqsu milli jaghmlu dan.

**It-tieni u t-tielet ilment:**

9. Illi fid-decizjoni taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghall-*updated statement of account* kif ukoll ghas-*sales invoices* u ppuntwalizzat li filwaqt li l-*updated statement of accoun*t qieghed fuq isem

[2] Emanuel Galea -vs- Direttur tas-Sigurta Socjali deciza nhar it-13 ta' Gunju, 2007.

Ayad, is-sales invoices qeghdha fuq isem Ayad Ltd. Madanakollu izda mill-istess dokumenti kkonfermat ukoll li kien jidher l-istess kont numru bir-referenza: AYA1 u l-istess indirizz fuq id-dokumenti relattivi. L-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha ghamlet ukoll referenza wkoll ghall-firma mnizzla fuq kull *invoice* li pero' tghid li ma hemmx indikat l-firmatarju. Din il-Qorti tinnota izda li l-firma hija dejjem identika b'dana li tevidenzja li kien dejjem l-istess persuna li ffirma d-dokument b'dana li dan iservi sabiex jikkorobora l-verzjoni tax-xhud Mario Bugeja li kien ikun dejjem l-istess persuna u cioe' l-intimat Majoeddin Ayad li jmur jigbor il-merkanzija.

Din il-Qorti wkoll fir-rigward tad-differenza li hemm fl-isem tal-*updated statement of account* u *s-sales invoices* terga taghmel referenza ghad-deposizzjoni moghtija minn Mario Bugeja rapprezentant tal-kumpanija li jikkonferma li bhala klijent fil-hanut taghhom kien imur l-appellat Majoeddin Ayad personalment. Din il-Qorti tqis li d-differenza li hemm fl-isem fis-*sales invoices* u l-*updated statement of account* ma huwa xejn ghajr ghal zball klerikali u ma ghandux iwassal ghac-cahda tal-pretensjoni attrici. Difatti d-dettalji l-ohra fosthom l-account number, l-indirizz u l-VAT Registration number kollha jaqblu bejn id-dokumenti.

**Ir-raba' ilment:**

10. Illi f'dan l-istadju s-socjeta' appellanti taghmel referenza ghall-fatt espost fl-appell li l-VAT registration number li jidher fuq il-fattura u li huwa ndikazzjoni tal-persuna li xtrat il-materjali u l-merkanzija jappartjeni lil Majoeddin Ayad. Fir-rikors tal-appell, is-socjeta' appellanti tikritika l-ewwel Qorti li ma tatx kaz din il-prova.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-process mill-ewwel pagna sal-ahhar pagna u minn imkien ma jirrizulta li ngabet prova fuq isem min qieghed irregistrat l-VAT numru MT 18049633 fi stadju tal-Ewwel Qorti. Difatti, tant hu hekk, li fir-rikors tal-appell tpogga 'screenshot' minn fuq *website* li jindika li effettivament dan il-VAT registration number qieghed fuq isem Majoeddin Ayad personalment. Waqt it-trattazzjoni tal-appel din il-Qorti wkoll staqsiet lir-rapprezentant tal-kumpanija jekk il-prova kinitx ingabet quddiem l-Ewwel Qorti u fil-fatt gie ammes li dan ma kienx sar izda fi kliem ir-rapprezentant din l-informazzjoni kienet wahda pubblika accessibbli 'on-line'. Il-Qorti ma tqisx li din l-iskuza tiggustifika n-nuqqas tas-socjeta' appellanti li tesebixxi din il-prova quddiem l-Ewwel Qorti. Ghaldaqstant limitatament ghal din il-parti tal-aggravju l-Qorti tqis li dan mhux gjustifikat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

11. Illi l-Qorti tirrileva li fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar x' involviment fin-negozju in kwistjoni tal-intimata Stefania Ayad tant li l-istess rapprezentant tal-kumpanija xehed li huwa jaf lil Ayad Majoeddin u mhux lill-intimata Stefania Ayad w'ghaldaqstant ma tqisx li t-talbiet tas-socjeta' kif diretti fil-konfront tal-intimata Setafnia Ayad gew pruvati kif trid il-ligi.

12. Illi mill-assjem tal-provi kollha prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti nkluz ix-xhieda ta' Mario Bugeja kif sopportata mid-dokumenti

esebiti (eskluz id-dokument prezentat fi stadju ta' appell li ma kienx hemm awtorizzazzjoni ghalih u qed jigi skartat) din il-Qorti (ghall-kuntrarju tal-Ewwel Onorabbli Qorti li jidher li llimitat ruhha biss ghad-dokumentazzjoni minghajr ma tat id-debita mportanza lix-xhieda fl-atti) tqis li s-socjeta' appellanti rnexxielha tiprova l-kaz taghha kontra l-intimat Majoeddin AYAD sal-grad tal-prova tal-probabbli kif rikjest mil-ligi w'ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tilqa' l-aggravju tal-appellanti salv dik il-parti li tirreferi ghall-prova dwar in-numru tal-VAT (stante li l-prova giet esebita fi stadju ta' appell) u tilqa' l-appell limitatament fil-konfront tal-intimat Majoeddin AYAD.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi tilqa' parzjalment l-appell tas-socjeta' appellanti kif isegwi:

a) tirrevoka u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet premessi datata 7 ta' Marzu, 2019;

b) tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti appellanti fil-konfront biss tal-intimat Majoeddin Ayad u tikkundanna lill-intimat Majoeddin Ayad ihallas is-somma ta' erbatax-il elf, disa' mija u dsatax-il Euro (€14,919) lis-socjeta' rikorrenti appellanti The Wholesaler-B.E.L. Group Ltd. rapprezenanti merkanzija u/jew materjal supplit lilu mis-socjeta' rikorrenti;

c) tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif diretti fil-konfront ta' Stefania Ayad stante li mhux sufficjentement pruvati.

Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-intimat Majoeddin Ayad.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur